Minuti tal-35 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Erbgha 15 ta' Frar, 2012. Il-laqgha nbdiet hin 4.00pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
| --- | --- |
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Emanuel Muscat |
| | CarmenVella |

| **Ufficjali:** | |
| --- | --- |
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Attard |

| **Skuzati:** | |
| --- | --- |
| Kunsiller | Lisa Marie Brooke li kienet tinsab imsiefra |

Qabel ma nbdiet il-laqgha is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera zaru il-binja tac-Centru Civiku fejn ghaddejjin ix-xogholijiet fuq dan il-progett.

1. **Approvazzjoni tal-Minuti tat-33 u 34 laqgha.**

1.1 Il-Minuti tat-33 u 34 laqgha gew approvati unanimament u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett.

2. **Progett Gharb's Cultural and touristic conservation project – Mizura 323.**

2.1 Is-Sindku aggorna lill-Kunsill dwar ix-xogholijiet fuq il-Knisja taz-Zejt fejn gie spjegat illi x-xogholijiet waqfu ghal xi zmien sakemm sar il-Mapping min naha tal-MEPA, izda issa x-xogholijiet regghu bdew. Raymond Cassar staqsa hemmx bil-miktub dwar dan il-waqfien. Gie spjegat illi hemm il-korrispondenza bejn il-Mepa, il-Perit u l-kuntrattur. Huwa talab li din tersaq fil-laqgha tal-Kunsill. Ser tintalab il-korrispondenza koncernata lill-Perit.

2.2 Gie spjegat illi l-Perit applika ghal emenda fil-permess tal-MEPA tal-Knisja taz-Zejt biex jitnehhew il-*wires* ta' l-Enemalta u dwar il-pavimentar taz-zuntier. Dwar finanzjament biex isir ix-xoghol tat-tnehhija tal-wires gie spjegat illi wiehed irid jara jekk hux ser ikun hemm xi tfaddil biex ikun jista' jsir dan ix-xoghol.

2.3 Dwar ir-restawr tal-kappella ta' San Dimitri gie spjegat illi saret laqgha bejn il-Perit inkarigat u l-kuntrattur fejn kien hemm qbil dwar il-*work methods*. Gie spjegat illi l-Perit

ser japplika ghal emenda fil-permess tal-MEPA ta' San Dimitri minhabba z-zuntier peress li parti minnu jinsab imnizzel.

2.4 Il-Kunsill iddiskuta wkoll dwar l-andament tax-xoghol fuq il-bridge fi Triq Sdieri.

2.5 Gie spjegat illi fir-rigward tal-Pjazza ghad trid tasal l-approvazzjoni mill-MRRA fir-rigward ta' uzu ta' fondi mfaddla mill-progett Mizura 323 ghall-pavimentar tal-Pjazza.

2.6 Gie spjegat illi s-shelter fil-Pjazza gie miftuh u l-Perit qed jipproponi li dan ikun imsaqqaf bil-kaptelli li jkunu parti mill-pavimentar tal-pjazza sabiex ma jonqosx l-ispazju tal-parkegg.

2.7 Is-Sindku pogga fuq il-mejda il-pjanta tal-Pjazza imhejjija mill-Perit u li turi it-traffic management skond l-ahhar diskussjonijiet ma TM u l-Mepa. Il-Kunsill iddiskuta din il-pjanta fid-dettall inkluz il-bankini, il-parking spaces u l-armar tal-festa. Dwar il-bankini il-Kunsill qabel li l-kantunieri tal-bankini kollha li jkunu jaqbzu 'il barra ghandhom ikunu livell tat-triq. Il-Kunsill qabel li max-xoghol ghandu jsir minn taht l-art pipe ghal-pedestal tal-festa u uzu iehor u ghad-dawl tal-fanali fuq iz-zewg nahat taz-zuntier. Gie spjegat illi l-fanali jinhtiegu manutenzjoni u ser issirilhom sandblasting minn Michael Refalo. Il-Kunsill qabel li wara dawn ghandhom jintbaghtu ghal spray galvanizing.

2.8 Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-pjanta tas-sundial imhejjija minn Alexei Pace. Is-sundial ser ikun jahdem bid-dell tal-persuna u ser ikun catt ma l-art. Giet diskussa il-possibilita' li jsiru xi gettijiet ta' l-ilma wkoll. Is-Sundial ser ikollu diametru ta' 6 metri.

2.9 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-bokka tas-shelter fil-genb tal-Knisja. Gie spjegat illi l-Perit qed jissuggerixxi li peress li din hija triq dejqa minn fejn jghaddi t-traffiku ghandha ssir hgiega fuq il-bokka ghad dawl u tigi pprovduta l-arja b'xi mod.

2.10 Saret diskussjoni dwar il-bankini u postijiet ta' parkegg hdejn ir-residenzi Formosa, Cauchi u Attard. Gie diskuss ukoll li hdejn ir-residenza Farrugia ser ikunu 6 spazji ghall-parkegg.

2.11 Gie spjegat illi fi stadju iehor il-Perit ser ikun qed jikkunsidra li jaghti d-dawl lill-faccati tad-djar.

2.12 Saret diskussjoni dwar is-servizzi tad-dawl, telefon ecc u s-sistema ta' wiring mad-djar.

2.13 Gie spjegat illi l-kanal tal-ilma ser ikun msaqqaf kollu bil-kaptelli. Gie spjegat illi l-Enemalta accettat illi l-cables taghha jghaddu minn go dan il-kanal li ser ikun iservi ta' kanal ghall-ilma taht u minn fuq ser jghaddu is-servizzi. Ghal dan il-ghan ser ikunu qed jintuzaw pvc boxes 30x30 li jiehdu 2 pipijiet biex iservu ta' manholes

ghall-pipijiet. Gie spjegat ukoll illi fil-gnub tal-bankini ser ikunu qed isiru gutters tal-irham. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.14 Il-Kunsill iddiskuta u qabel dwar il-materjal li ser jintuza ghall-pavimentar fejn ghall-art tal-pjazza ser jintuzaw kubetti tal-porfido filwaqt li slabs tal-porfido ghall-bankini. Il-kurduna li ser tintuza fil-pjazza hija granite finish. Gie maqbul ukoll illi l-Pjazzetta ta' hdejn ic-centru parrokkjali ser tkun pavimentata bil-paving blocks normali u bhala kurduna ser tintuza cement finish. Gie deciz ukoll li ghandha tinghata parti zghira bit-tarmak sabiex ikun hemm distakk bejn iz-zewg tipi ta' pavimentar. Bhala materjal ghall-bankini fi Triq il-Knisja minn hdejn Tas-Sajf Discount Store sal-Fgura ser jintuza materjal anticato griz.

2.15 Gie diskuss illi n-naha tar-residenza ta' l-Isqof Emeritus l-armar tal-festa ser isir fit-triq. Gie spjegat illi l-Perit gibed l-attenzjoni li biz-zmien mhux ser ikun permess aktar li jsir armar fit-triq. Il-Kunsill qabel illi fejn jinhtieg ghandha ssir platform temporanja biswit il-bankina sabiex jithalla metru vojt bankina. Din il-platform tkun titnehha wara zmien il-festa.

2.16 Il-Kunsill iddiskuta illi fil-parti d-dejqa tal-Pjazza, trid issir xi forma ta' bankina dejqa ghall-*pedestrians*.

2.17 Is-Sindku spjega illi t-talba lil Transport Malta biex issir give way fil-parti d-dejqa fi Triq il-Knisja ghal min ikun diehel il-Pjazza giet approvata. Giet trattata il-korrispondenza ikkoncernata.

2.18 Il-Kunsill qabel li ghandu jsir suggeriment lill-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria sabiex fil-kisra bejn Triq Sir Adrian Dingli u Sant Ursola issir *give way* ghal dak it-traffiku li jkun hiereg mir-Rabat biex jaghti d-dritta ghat-traffiku li jkun gej mid-direzzjoni ta' l-Gharb.

2.19 Il-Kunsill qabel illi hdejn ic-centru parrokkjali ghandha ssir rampa fil-bankina biex tipprovdi accessibilita'.

2.20 Dwar il-kanal tal-ilma u tas-servizzi li qed isir fil-Pjazza il-Kunsill qabel li dan ser ikompli ghal wara l-Knisja u jaqsam man-naha ta' wara tal-Knisja fejn ser isir *feeder pillar*. Min hemm ser ikompli f'zewg ferghat lejn Sqaq l-Arcipriet u Sqaq Frenc ta' l-Gharb. Is-Sindku spjega illi min naha tal-Ministeru ghal Ghawdex ipprovdew xi katusi ghal dan il-kanal. Il-Kanal tal-ilma ser jigi mghaqqad ma dak fi Triq il-Madonna tal-Virtut.

2.21 Gie spjegat illi l-Pjazza ser tkun qed tinghata il-bazi tal-konkos l-ghada tal-laqgha.

**3. Progett OBIMED.**

3.1 Is-Sindku aggorna lill-Kunsill dwar il-laqgha tal-kumitat ta' pilotagg li nzammet fi Frar gewwa Castelvetrano, Sqallija fejn gew diskussi l-attivitajiet ta' kull partner bhala parti mill-progett. Ghal din il-laqgha in rapprezentanza tal-Kunsill attendew is-Sindku u l-Kunsillier Carmen Vella kif ukoll il-Monitoring Committee Consultant William Sultana.

3.2 Il-Kunsill iddiskuta l-offerta OBIMED Roots Exploration fejn il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni illi din l-offerta ghandha tinghata lil KRL Ltd.

3.3 Il-Kunsill iddiskuta il-video li ser ikun qed isir bhala parti minn dan il-progett li ser ikun ta' 48 minuta circa maqsuma bejn Ghawdex, Malta, Sciacca u Castelvetrano. Ser isir ukoll video ta' 10 minuti dwar il-lingwa Ingliza. Gie spjegat illi x-xoghol tal-video huwa responsabilita' tal-partner Malti Maltese Italian Chamber of Commerce.

3.4 Gie spjegat illi huwa propost illi l-information kiosks bhala parti mill-kuntratt OBIMED technological approach ikunu inawgurati il-Gimgha ta' Seher il-Punent. Gie spjegat ukoll illi wahda mill-kiosks ser tkun stallata fil-pjazza ta' l-Gharb filwaqt li t-tnejn l-ohra, fuq talba tal-lead partners u bi qbil bejn il-partners kollha ser jigu stallati gewwa Sciacca. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.5 L-istess kuntratt jinkludi il-Wi-fi fl-Gharb. Gie spjegat illi ser jigu stallati points fuq il-Knisja u fuq ic-Centru Civiku sabiex ikun hemm access ghall-points tal-Vodafone.

**4. Approvazzjoni ta' performance bonuses lill-impjegati tal-Kunsill.**

4.1 Is-Sindku astjena milli jiehu sehem fid-diskussjoni dwar il-performance bonus tas-Segretarju Ezekuttiv. Il-Vici-Sindku ippresieda. Il-membri votanti qablu unanimament mal-oghti ta' performance bonus ta' 10% lis-Segretarju Ezekuttiv.

4.2 Is-Sindku kompla jippresiedi u gie diskuss il-performance bonus tal-iskrivana. Il-Kunsill qabel unanimament mal-oghti ta' performance bonus ta' 6% lill-iskrivana.

**5. Offerta poloz ta' assigurazzjoni tal-Kunsill.**

5.1 Giet trattata il-korrispondenza skambjata ma Compass Insurance rigward l-offerta taghhom ghall-provvista ta' assikurazzjoni lill-Kunsill fejn il-Kunsill staqsa jekk isir

ftehim ta' hames snin jinbidlux xi kundizzjonijiet. Huma ikkonfermaw illi t-termini, kundizzjonijiet u premiums tal-poloz jibqghu l-istess sakemm il-Kunsill ma jbiddilx is-somma inxurjata. Il-Kunsill qabel ghalhekk li ghandu jidhol ghal ftehim ta' hames snin ghas-servizz ta' assigurazzjoni ma Compass Insurance.

**6. Aggornament dwar progetti: Centru Civiku, PPP, xogholijiet fit-toroq u progetti u xogholijiet ohra.**

6.1 Is-Sindku spjega illi x-xogholijiet inbdew fuq il-kanal ta' l-ilma fi Triq Trux mis-subcontractor ta' Gatt Tarmac Ltd. Gie spjegat illi l-pipijiet ghal dan il-kanal, 42 b'kollox gew provduti mill-WSC.

6.2 Saret diskussjoni wkoll dwar ix-xogholijiet fuq il-progett tac-Centru Civiku fejn gie spjegat illi x-xogholijiet mexjin u wiehed jaspira illi jitlestew fl-iqsar zmien possibbli.

6.3 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-offerta M323/11 – Restawr tal-Pjazza fejn intefghu 3 offerti. Is-Sindku spjega illi l-bord tal-ghazla qed jikkunsidra li jirrakkomanda illi l-offerta tinghata lil Joseph Portelli Projects Ltd. li ghalkemm din kienet it-tieni l-irhas offerta, b'differenza ta' €84 mill-irhas offerta, pero iz-zewg offerti l-ohra ma kinux jikkwalifikaw mil-lat amministrattiv peress li ssottomettewx technical offer.

6.4 Il-Kunsill qabel li joqghod fuq id-decizjoni tal-Bord tal-Ghazla.

6.5 Il-Kunsill innota illi l-major patching moghti mill-Ministeru ghal Ghawdex qed jinqala.

**7. Karnival 2012.**

7.1 Il-Kunsill iddiskuta u approva il-programm u budget tal-attivita' Karnival 2012 prevvist ghas-16 ta' Frar jekk it-temp jippermetti. Il-Kunsill qabel li jaqsam ir-rigali fi flus fuq il-kompetizzjoni tal-kostumi kif gej peress li ma kienx ser ikun hemm partecipazzjoni minn karrijiet: €80, €50, €20 ghall-ewwel, it-tieni u t-tielet premju fil-kompetizzjoni tal-kostumi sezzjoni lokali u anke sezzjoni barra mir-rahal.

7.2 Giet trattata korrispondenza minghand l-Ispettur Josric Mifsud fejn il-Kunsill gie infurmat b'regolamenti dwar il-karrijiet tal-Karnival.

**8. Estimi Finanzjarji 2012 u Pjan ta' Hidma 2012-2014.**

8.1 Il-Kunsill iddiskuta l-estimi finanzjarji draftipprezentati mis-Segretarju Ezekuttiv, liema estimi gew spjegati. Peress li l-laqgha hadet fit-tul u kien sar il-hin il-pjan ta' hidma ser ikun diskuss waqt laqgha ohra.

**9. Laqgha Generali Annwali tal-Lokalita'**

9.1 Il-Kunsill qabel illi ghandha tigi iffissata data biex issir il-laqgha generali annwali tal-lokalita'.

**10. Skeda ta' pagamenti.**

10.1 Il-Kunsill approva unanimament il-hlas tal-iskedi ta' pagamenti annessi liema skedi gew iffirmati mill-membri kollha prezenti. B'zieda ma l-iskeda OBIMED is-Sindku spjega illi ser tkun qed tintuza' il-procedura tal-per diem ghal min jattendi attivitajiet ta' dan il-progett 'il barra minn Malta. Dan skond struzzjonijiet mill-PPCD u konferma mid-DLG. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.2 Il-Kunsill approva unanimament il-hlas tal-kont tal-progett tac-child care centre kif preparat u certifikat mill-Perit tal-Kunsill ghall-ammont ta' €40464.12 li jinkludi il-5% professional fees. Dan l-ammont jinkludi wkoll l-*interim payments* approvati separatament.

10.3 Il-Kunsill approva wkoll il-hlas ta' €2655.00 lil Alpha Briggs ghall-kors tal-licenzja tad-dghajsa li gie organizzat ricentement.

**11. Korrispondenza u materji ohra.**

11.1 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-kors tac-cherry picker u crane fejn kien hemm talba mir-residenti biex dan jigi organizzzat mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament li dan il-kors ghandu jigi organizzat minn Alpha Briggs li kienu taw kwotazzjoni ghall-organizzazzjoni tieghu.

11.2 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-klassijiet tal-fitness ghall-adulti li qed jigu organizzati mill-Kunsill bil-ghajnuna tal-Kunsill Malti ghall-Isports u l-Ministeru tal-Affarijiet Parlamentari u l-Intern. Peress li l-kors ghadu kemm intemm u kien hemm talba mill-istudenti biex dan jitkompla, il-Kunsill qabel li ghandhom jigu organizzati sett iehor ta' klassijiet ta' *aerobics* u *pilates*.

11.3 Giet trattata il-korrispondenza segwenti:

11.4 Mid-Dipartiment tal-kuntratti fir-rigward tal-proceduri li jikkoncernaw xiri ta' art biex isir progett pubbliku.

11.5 Mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fir-rigward ta' Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2012 fejn il-Kunsill gie infurmat li ser jinghata l-ammont ta' €3,000 ghall-attivita' ta' Seher il-Punent.

11.6 Minghand Mark Spiteri fir-rigward ta' 'Safer Internet Day' li tigi organizzata fis-7 ta' Frar, 2012.

11.7 Mill-Ufficcju tal-Kultura u Informazzjoni fir-rigward tal-Karnival Regjonali ta' Ghawdex 2012.

11.8 Minghand Uptrend Publishing fir-rigward ta' offerti specjali fuq Milly, Molly Children's Books.

11.9 Minghand l-organizzaturi tal-Premju Nazzjonali Haddiem tas-Sena 2012 fejn intbghatu formoli biex wiehed ikun jista' japplika.

11.10 Mill-Water Services Corporation fir-rigward tat-Tnedija tal-Kuntratt mal-Konsumatur tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma.

11.11 Minghand l-Ghaqda Hbieb tal-Presepju bir-rizultati tal-Kompetizzjonijiet tal-Milied 2011.

11.12 Mill-Gozo College Boys' Secondary Victoria – Gozo, fejn il-Kap ta' l-Iskola irringrazzja lill-Kunsill tal-koperazzjoni tieghu fl-inizjattiva edukattiva taz-zjara ta' studenti fi Brussels.

11.13 Minghand Ledbury & Penn Institute of Studies b'introduzzjoni dwar dak li jigi offrut mill-istitut.

11.14 Minghand My Destination Malta fir-rigward ta' servizzi li qed jigu offruti lill-Kunsill sabiex tigi reklamata l-lokalita' permezz ta' tour virtwali 360%. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta ta' reklamar u qabel li ghandu joffri din il-possibilita' ta' reklamar lis-sidien tal-farmhouses ukoll.

11.15 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand il-MEPA:-
Applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp: PA1198/11 u PA1925/11. Appell – PA857/11 Restawr tal-Bazilika. Talba ghall-hlas ta' €186.35 sabiex tigi processata t-talba.

11.16 Mid-Dipartiment ghal Eko-Ghawdex u Zvilupp Regjonali fir-rigward ta' approvazzjoni ghall-estensjoni tal-Progett Smart Civic Centre.

11.17 Minghand Transport Malta kopja ta' korrispondenza li intbghatet lill-Kuntratturi kollha registrati ma' Transport Malta.

11.18 Minghand il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita' fir-rigward ta' l-Applikazzjoni PA6080/08 bl-Accessibility Audit Report.

11.19 Minghand Standard Publications Ltd fir-rigward tal-kopja tal-Gazzetta l-Independent fejn il-Kunsill gie infurmat li din il-gazzetta mhux ser tibqa' tigi offruta

minghajr hlas wara Jannar 2012. Il-Kunsill ma qabilx li din ghandha tinxtara.

11.20 Minghand Socjeta' Filarmonika Santa Marija fir-rigward tal-partecipazzjoni fil-Karnival 2012.

Il-laqgha spiccat hin 7.35pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv